**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 T' APRIL, 2002

**Numru: 25**

**Avviz Nru: 253/01 JB**

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance company surrogati fid-drittijiet ta' Joseph Attard u l-istess Joseph Attard**

**vs**

**Victor Frendo**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm172.56c (mija u tnejn u sebghin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) rappresentanti danni sofferti mill-atturi risultanti minn incident awtomobilistiku li gara' l-Marsa fit-28 t' Awissu 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-mutur FAD 209 habat mal-vettura Nru FBL 268 propjeta' tal-attur u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament

responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz a tenur tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici u dan peress illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-assikurat tas-socjeta' attrici Joseph Attard minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ikkonsidra

Illi l-kollizzjoni in ezami si tratta ta' habta bejn zewg haddiema, fl-istess azjenda, ossia l-Malta Shipbuilding. Mhux hekk biss, izda fil-posta rizervat ghall-ipparkjar tal-vetturi taghhom. Il-habta saret bejn vettura assigurata mas-socjeta' attrici u misjuqa mil-assigurat ossia l-attur stess u mutur misjuq mill-konvenut.

Illi kif xehed il-pulizija investigativ, skizz ma giex redat billi l-incident sar f'post privat u accesibilta ghal terzi hija limitata ghall-ahhar. Pero' r-ritratti fit-12 ta' Lulju, 2001 huma spjegativi tal-post 'de quo' li l-vetturi u sia l-muturi ghandhom post rizervat ghalihom kif del resto dhul – hrug (vide xhieda ukoll Francis Ellul 23/10/01).

Illi l-attur xehed li l-habta saret peress illi l-konvenut hareg minn bejn bollard, li l-iskop taghhom huwa wiehed ta' demarkazzjoni, l-mutur ipprova jieqaf pero' skiddja fuq iz-zrar u dahal fih. Dan hu kkonfermat ukoll mix-xhud okurali Joseph Demicoli (seduta 23/10/01).

Illi l-konvenut xehed (vide seduta 20/11/01) li ghadda minn fejn suppost m'ghaddiex biex jevita l-heavy flow of traffic, immaginabbli fil-hin tas-1.00p.m kulhadd hiereg il-barra biex immur lejn id-dar wara x-xoghol. Ikkonferma wkoll li l-attur qabel il-habta rah wieqaf, pero' ma setax jevitah. Ghalkemm hemm il-pilastri demarkanti hemm hafna ma jaghtux kazhom, aktar aktar meta m'hemm l-ebda tabelli ndikattivi, ghalkemm ghandhom fetha minn fejn suppost johorgu.

Ikkonsidra

Illi l-kaz in ezami huwa dak il-kaz lampanti fejn sewwieq, kieku segura r-regoli ma kienx jissucciedi. Dawn ir-regoli ma jsirux ta' xejn inkluz, pilastri u demarkazzjonijiet. Meta dan jigu njorati jigu kagunati l-incidenti. Superjur ghandu jaghti ezempji lil haddiema shabu, pero' fil-kaz odjem dan ma sarx. Anzi wiehed anki jasal biex jghid li serva t' ezempju biex ir-regoli jigu obduti. L-operat tal-konvenut donnu sar wiehed li jirregola. Biex jevita u/jew jaqbez it-traffiku, jmur f'direzzjoni u/jew karreggjata opposta, jew jisposta minn fejn mhux suppost jew mid-direzzjoni tal-parti l-

ohra. Biex wiehed ihaffef jikkostotwixi ruhu ta' periklu massimu ghall-utenti l-ohra fit-triq.

Illi veru m'hemm l-ebda sinjali, jkun opportun kieku l-management tal-Malta Shipbuilding jipprovdihom. Izda s-sens komuni, l-perizia logicita, l-esperjenza u l-prattika fuq il-post tax-xoghol jimmilitaw kontra l-utent. Kien jaf li kien sejjer kontra l-kurrent. Ma riedx joqghod fil-kju. L-famuz kju donnu sar proibittiv. Aktar u aktar meta bil-mutur tghaddi minn fejn ma tghaddix vettura, bejn pilastri, magenb karozzi pero' b'difett wiehed. Mutur mhux kontrollabbli daqs karozza. Dan hu dak li effettivament gara. Ha riskju u ghandhu jirrispondi ghal konsegwenzi.

Ai termini tal-verbal tas-seduta tal-20/4/01, il-konvenut ma kkontestax id-danni. L-ammont kif riklamat minn Anthony Amaira fis-seduta tat-23/10/01 ghandha tigi akkolt. Skond il-kalkoli tat-tribunal, is-somma ghandha taqra Lm288.61, bhala danni li minnhom socjeta' assiguratrici dahhlet is-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) bhala eccess mill-assigurat jibqa' mitejn u tlett Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm203.61) allura b'kollox mitejn tmienja u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm228.61).

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li fil-waqt li jichad l-eccezjonijiet tal-konvenut jiddikjara unikament responsabbli lil konvenut ghall-incident in ezami, jillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn tmienja u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm228.61)

inkwantu ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) lill-attur bhala eccess u mitejn u tliet Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm203.61) lis-socjeta' attrici, jikkundana lil konvenut ihallas l-istess somma.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut kif mitlub fl-avviz.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**